PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 35

It-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

STUDENTI LI TELQU MILL-EDUKAZZJONI MINGĦAJR KWALIFIKA

340. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawk l-istudenti li telqu mill-edukazzjoni mingħajr kwalifika, qed jaħdmu u kemm jinsabu qiegħda?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li, sabiex tingħata stampa li tkun kemm jista' jkun preċiża u komparabbli, l-aktar indikatur rilevanti fil-livell nazzjonali u Ewropew huwa dak tal-Eurostat dwar it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ (early leavers from education and training). Id-data ppreżentata mill-Eurostat tirreferi għall-persuni ta' bejn it-18 u l-24 sena.

Għandu għalhekk jiġi ċċarat li dan l-indikatur mhuwiex għadd amministrattiv ta' studenti li telqu mill-iskola mingħajr kwalifika MQF, iżda indikatur Ewropew standardizzat li jippermetti wkoll li l-prestazzjoni ta' Malta titqabbel b'mod konsistenti ma' dik tal-pajjiżi l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Skont l-aħħar data disponibbli tal-Eurostat għall-2025, ir-rata ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ f'Malta kienet ta' 8.6% fost iż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u l-24 sena. Dan ir-riżultat għandu jitqies ukoll fil-kuntest tal-medja tal-Unjoni Ewropea, li fl-istess sena kienet ta' 9.1%. Għaldaqstant, fl-2025 ir-rata f'Malta kienet 0.5 punti perċentwali inqas mill-medja Ewropea.
Iżda l-istampa ssir aktar sinifikanti meta wieħed iħares lejn l-iżvilupp li seħħ matul dawn l-aħħar snin.

Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 338 mwieġba fis-seduta tal-bieraħ 9 ta' Novembru 2026. Dan hekk kif turi li fl-2013, ir-rata ta' Malta kienet għadha ta' 17.1%, meta mqabbla ma' 11.8% għall-Unjoni Ewropea. Sal-2016 din kienet niżlet għal 15.6%, fl-2017 għal 14.0%, u fl-2020 għal 13.0%. It-tnaqqis kompla fis-snin ta' wara, għal 10.9% fl-2021, 10.3% fl-2022, 10.2% fl-2023, 9.5% fl-2024 u finalment 8.6% fl-2025.

Dan ifisser li bejn l-2013 u l-2025 ir-rata ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ f'Malta naqset minn 17.1% għal 8.6%, jiġifieri tnaqqis ta' 8.5 punti perċentwali, kważi nofs ir-rata li kienet irreġistrata fl-2013.

Ta' min jinnota wkoll il-bidla importanti fil-pożizzjoni ta' Malta meta mqabbla mal-Unjoni Ewropea. Fl-2013 Malta kienet 5.3 punti perċentwali 'l fuq mill-medja Ewropea, b'rata ta' 17.1% kontra 11.8% fl-UE. Sal-2025, is-sitwazzjoni kienet inqalbet: Malta niżlet għal 8.6% filwaqt li l-medja tal-UE kienet 9.1%. Għaldaqstant, Malta mhux biss naqqset sostanzjalment ir-rata tagħha, iżda llum tinsab taħt il-medja tal-Unjoni Ewropea f'dan l-indikatur.

Dan il-progress juri bidla pożittiva ferm li ġiet sostnuta fl-aħħar snin. Filwaqt li fl-2013 kważi wieħed minn kull sitt żgħażagħ fil-grupp ta' età kopert minn dan l-indikatur kien jaqa' taħt id-definizzjoni ta' early leaver, fl-2025 il-proporzjon niżel għal inqas minn wieħed minn kull ħdax. Dan juri d-daqs tat-titjib li sar matul dan il-perjodu.

Fir-rigward tal-istatus tagħhom fis-suq tax-xogħol, skont id-data tal-Eurostat għall-2025, mir-rata totali ta' 8.6%, 5.8% kienu fl-impjieg, filwaqt li 2.9% ma kinux fl-impjieg. Għaldaqstant, madwar żewġ terzi ta' dawk li jaqgħu taħt dan l-indikatur kienu qegħdin jaħdmu.

Tajjeb li wieħed jirrimarka wkoll li dawn iż-żgħażagħ qed igawdu minn suq tax-xogħol imsaħħaħ li llum m'għadux jiġi deskritt bħala wieħed li jesperjenza l-qgħad.

Dan ifisser li, meta wieħed iħares lejn il-perjodu mill-2013 'l hawn, Malta rat mhux biss tnaqqis sostanzjali fit-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, iżda wkoll suq tax-xogħol b'rata tal-qgħad ferm aktar baxxa minn dik irreġistrata fil-bidu ta' dan il-perjodu.

Dan huwa aspett importanti għaliex jgħin biex tingħata stampa aktar sħiħa tal-pożizzjoni ta' dawn iż-żgħażagħ. It-tluq bikri mill-edukazzjoni jibqa' sfida li trid tiġi indirizzata, iżda d-data turi kemm it-tnaqqis sostanzjali li sar fir-rata ġenerali, kif ukoll li parti konsiderevoli minn dawk ikklassifikati taħt dan l-indikatur jinsabu fl-impjieg.

Il-Gvern jibqa' impenjat li jibni fuq il-progress miksub u jkompli jnaqqas aktar it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ. L-għan jibqa' li aktar żgħażagħ ikomplu l-edukazzjoni jew it-taħriġ tagħhom, jiksbu kwalifiki u ħiliet rilevanti, u jkollhom opportunitajiet aħjar biex jidħlu u javvanzaw b'mod sostenibbli fid-dinja tax-xogħol. Għal dan il-għan, il-ħidma tkompli permezz ta' mogħdijiet edukattivi, post-sekondarji u vokazzjonali differenti, opportunitajiet ta' second chance education, taħriġ u lifelong learning, kif ukoll interventi preventivi u miżuri immirati biex iżommu lit-tfal u ż-żgħażagħ involuti fl-edukazzjoni.

Ir-riżultati miksuba mill-2013 'l hawn juru progress ċar. Madankollu, il-ħidma ma tieqafx mar-rata ta' 8.6%. L-ambizzjoni hi li dan il-progress jiġi kkonsolidat u li kull żagħżugħ u żagħżugħa jingħataw l-aħjar opportunità possibbli biex ikomplu jitgħallmu, jiksbu l-ħiliet u l-kwalifiki meħtieġa, u jagħmlu tranżizzjoni b'saħħitha lejn id-dinja tax-xogħol.

Seduta Numru 35
10/11/2026

LIVELLI TA' KWALIFIKI – VALUTAZZJONI

341. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx valutazzjoni dwar kemm il-livelli ta' kwalifiki li qed jinkisbu mill-istudenti jissodisfaw il-ħtiġijiet futuri tas-suq tax-xogħol Malti?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li l-Ministeru mhux biss qed isegwi l-livelli ta' kwalifiki miksuba mill-istudenti, iżda nieda wkoll programm usa' ta' riċerka u evalwazzjoni. Din il-ħidma qed tiġi kkumplimentata wkoll permezz tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ħiliet, li tħares lejn il-ħtiġijiet preżenti u futuri tas-suq tax-xogħol Malti u tgħin biex ikun hemm allinjament aħjar bejn l-edukazzjoni, it-taħriġ, il-kwalifiki u d-domanda għall-ħiliet. Għalhekk, il-valutazzjoni li qed issir mhijiex limitata għal stampa ta' sena waħda jew għal sett wieħed ta' riżultati, iżda hija parti minn eżerċizzju usa' u kontinwu ta' ppjanar strateġiku. Din il-ħidma qed issir ukoll fil-qafas tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni 2024–2030.

Seduta Numru 35
10/11/2026

LIVELLI MQF – STUDJU/RAPPORT

342. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull studju jew rapport li janalizza r-relazzjoni bejn il-livelli MQF miksuba u l-impjegabilità futura tal-istudenti?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 331.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MQF LEVEL 3 – MIRI TAL-GVERN

343. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-miri tal-Gvern għaż-żieda fil-persentaġġ ta' studenti li jiksbu MQF Level 3 matul il-ħames snin li ġejjin?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li filwaqt li r-riżultati juru xejra pożittiva fil-perċentwal ta' studenti li kisbu kwalifika f'MQF Livell 3, il-Gvern jibqa' impenjat li jkompli jtejjeb dawn ir-riżultati permezz ta' miżuri li jsaħħu l-kwalità, l-ekwità u l-inklużjoni fis-sistema edukattiva.
Dan qed isir permezz tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024–2030 u ta' diversi inizjattivi li jindirizzaw il-ħtiġijiet differenti tal-istudenti, bil-għan li aktar żgħażagħ jiksbu kwalifiki li jippermettulhom ikomplu l-istudji jew jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

Seduta Numru 35
10/11/2026

STUDENTI MINGĦAJR KWALIFIKA MQF – SFIDA NAZZJONALI

344. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Fid-dawl li madwar kwart tal-istudenti qed joħorġu mis-sistema edukattiva mingħajr kwalifika MQF, jista' l-Ministru jgħid jekk din tirrappreżentax sfida nazzjonali serja għall-iżvilupp tal-kapital uman ta' pajjiżna?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-informazzjoni riċenti tas-Secondary School Qualification and Profile (SSQ&P) turi li fl-aħħar sena skolastika 75% tal-istudenti tal-Year 11 fl-iskejjel tal-Istat kisbu livell MQF. Dan jirrappreżenta żieda ta' 5.5% meta mqabbel mas-sena skolastika 2024/25. Huwa wkoll inkoraġġanti li kien hemm żieda ta' 14% fl-istudenti li kisbu MQF Level 3. Indikaturi oħrajn juru wkoll li r-rata ta' Early Leaving from Education and Training niżlet għal 8.6%, livell storikament baxx u għall-ewwel darba taħt il-medja tal-Unjoni Ewropea ta' 9.1%. Id-data dwar NEETs turi wkoll li fl-2025 Malta kellha rata ta' 8.5% fost iż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u d-29 sena, jiġifieri taħt il-medja tal-UE ta' 11% u taħt il-mira Ewropea għall-2030 ta' 9%. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni wara t-tmiem tal-età obbligatorja tibqa' sostanzjali, b'83.8% fl-età obbligatorja, 76.3% sena wara u 65.9% sentejn wara, skont id-data tal-2024. Id-data dwar gradwati fl-edukazzjoni terzjarja turi wkoll żieda minn 62.5 għal 75.2 gradwat għal kull elf persuna bejn l-2015 u l-2024.
Filwaqt li l-evidenza turi wkoll li l-pajjiż għamel progress importanti u li l-miżuri li qed jiġu implimentati qegħdin iħallu riżultati pożittivi, il-fatt li hemm min ma jiksibx kwalifika MQF tibqa' sfida li nqisuha bħala prijorità nazzjonali
Għalhekk il-Ministeru se jkompli jsaħħaħ is-sostenn lill-iskejjel u lill-edukaturi, il-mogħdijiet alternattivi u vokazzjonali, l-intervent bikri, il-Family Community School Link, u l-ħidma marbuta mal-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni 2024–2030 u l-kollaborazzjoni mal-istakeholders kollha. Dan sabiex aktar studenti jispiċċaw l-edukazzjoni obbligatorja b'ċertifikazzjoni rikonoxxuta u bil-ħiliet meħtieġa għall-ħajja, għax-xogħol u għall-iżvilupp ta' pajjiżna.

Seduta Numru 35
10/11/2026

KM MALTA AIRLINES – FLUS MILL-GVERN

345. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il miljun ewro ġew injettati jew allokati mill-Gvern, direttament jew indirettament, lill-KM Malta Airlines minn meta twaqqfet sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 35
10/11/2026

LIVE BIRTHS

2067. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm live births irreġistrati f'Malta mis-sena 2000 sal-aħħar ħin li għaliha hija disponibbli din id-data, maqsuma sena b'sena?

22/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

LIVE BIRTHS

2068. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm min-numru ta' twelid ħaj (live births) kienu l-ewwel tarbija, it-tieni tarbija, it-tielet tarbija u r-raba' tarbija jew aktar, mis-sena 2000 sal-aħħar sena li għaliha hija disponibbli din id-data, maqsuma sena b'sena?

22/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

OMMIJIET LI WELLDU L-EWWEL TARBIJA – ETÀ MEDJA

2069. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet l-età medja tal-ommijiet li welldu l-ewwel tarbija mis-sena 2000 sal-aħħar sena li għaliha hija disponibbli din id-data, maqsuma sena b'sena?

22/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

NUMRU TA' TWELID

2070. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi n-numru ta' twelid maqsum skont l-età tal-omm fil-kategoriji ta' taħt l-20 sena, 20–24 sena, 25–29 sena, 30–34 sena, 35–39 sena, 40–44 sena, u 45 sena jew aktar, mis-sena 2000 sal-aħħar ħin li għaliha hija disponibbli din id-data, maqsuma sena b'sena?

22/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

NISA LI KELLHOM L-EWWEL TARBIJA

2071. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' nisa li kellhom l-ewwel tarbija tagħhom fil-kategoriji ta' taħt l-20 sena, 20–24 sena, 25–29 sena, 30–34 sena, 35–39 sena, 40–44 sena, u 45 sena jew aktar, mis-sena 2000 sal-aħħar ħin li għaliha hija disponibbli din id-data, maqsuma sena b'sena?

22/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MFWS – TAĦRIĠ LILL-PULIZIJA KOMUNITARJA

2107. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid meta beda u ntemm it-taħriġ mogħti lill-uffiċjali tal-Pulizija Komunitarja mill-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà (MFWS), kemm attendew uffiċjali, u x'kienet l-ispiża totali ta' dan it-taħriġ?

22/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat illi kien hemm mija u sitta u ħamsin (156) uffiċjal tal-Pulizija Komunitarja li attendew it-taħriġ mogħti mill-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà (MFWS). Dan it-taħriġ ingħata mingħajr ħlas. It-taħriġ ingħata f'perjodi differenti f'dawn l-aħħar xhur.

Seduta Numru 35
10/11/2026

AKKWIST TA' OPRI ĠODDA

2225. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew akkwistati opri tal-arti ġodda matul is-sena 2025? Jista' jispeċifika wkoll liema kienu dawn l-opri u kemm ġie jiswa l-akkwist ta' kull waħda?

24/07/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-rapport annwali tal-Heritage Malta għas-sena 2025 li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

BENESSERI TAL-POPOLAZZJONI F'MALTA - STRATEĠIJA

2226. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid xi strateġija għandu l-Gvern biex ikejjel il-benesseri tal-popolazzjoni f'Malta?

24/07/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3524

Seduta Numru 35
10/11/2026

BENESSERI TAL-POPOLAZZJONI F'MALTA - METODU TA' KEJL

2227. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid x'metodu ser juża l-Gvern biex ikejjel il-benesseri tal-popolazzjoni f'Malta?

24/07/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2226

Seduta Numru 35
10/11/2026

BENESSERI TAL-POPOLAZZJONI F'MALTA - TITJIB

2228. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid xi strateġija għandu l-Gvern biex itejjeb il-benesseri tal-popolazzjoni f'Malta?

24/07/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2226

Seduta Numru 35
10/11/2026

BENESSERI TAT-TFAL U ŻGĦAŻAGĦ - STRATEĠIJA

2229. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid xi strateġija għandu l-Gvern biex itejjeb il-benesseri tat-tfal u żgħażagħ?

24/07/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2226

Seduta Numru 35
10/11/2026

BENESSERI TAL-POPOLAZZJONI MALTIJA - KUMITATI INTER-MINISTERJALI

2230. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk twaqqfux kumitati interministerjali biex tiġi indirizzata l-benesseri tal-popolazzjoni Maltija? Jekk iva, meta bdew jiffunzjonaw u kemm-il darba ltaqgħu s'issa?

24/07/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2226

Seduta Numru 35
10/11/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – ĦADDIEMA ĠODDA

2387. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2372

Seduta Numru 35
10/11/2026

MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – ĦADDIEMA ĠODDA

2388. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 18 u tgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tagħha minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2372.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – ĦADDIEMA ĠODDA

2389. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2372.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – ĦADDIEMA ĠODDA

2390. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2372.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI – ĦADDIEMA ĠODDA

2391. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2372.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – ĦADDIEMA ĠODDA

2392. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 22 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2372

Seduta Numru 35
10/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – GĦAŻLA TAS-SIT – DEĊIŻJONI FINALI

2655. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-Agricultural Waste Treatment Plant propost fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid jekk l-għażla tas-sit fil-Qammieħ hijiex diġà deċiżjoni finali jew jekk il-Gvern għadux lest jikkunsidra siti alternattivi jekk l-istudji ambjentali, tat-traffiku jew oħrajn, jew il-konsultazzjoni mal-komunità, juru impatt negattiv sinifikanti fuq il-Mellieħa u ż-żoni tal-madwar?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – KUNTRATTI/KONĊESSJONIJIET

2656. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-Agricultural Waste Treatment Plant propost fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jiggarantixxi li ma jingħata l-ebda kuntratt jew konċessjoni u ma tittieħed l-ebda deċiżjoni irriversibbli dwar is-sit fil-Qammieħ qabel jitlestew u jiġu ppubblikati l-istudji ambjentali, tat-traffiku u tat-turiżmu u qabel ma ssir konsultazzjoni sħiħa mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u mar-residenti?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ROTTA 110 – FREKWENZA

2657. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-frekwenza skedata attwali tar-Rotta 110 bejn Pembroke u l-Marsa Park & Ride, fiż-żewġ direzzjonijiet? Jista' jgħid ukoll meta kienet l-aħħar darba li saret reviżjoni speċifika tal-frekwenza ta' din ir-rotta u x'kien ir-riżultat ta' dik ir-reviżjoni?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-Rotta 110 bejn Pembroke u l-Marsa Park & Ride bħalissa hija skedata li topera darba fis-siegħa f'kull direzzjoni.

L-aħħar tibdil fir-rotta sar fl-2017, meta ġiet estiża lejn Ta' Ġiorni. Madankollu, dan ma jfissirx neċessarjament li dakinhar saret l-aħħar reviżjoni speċifika tal-frekwenza. Analiżi tal-użu tar-rotta turi li fl-2025 kull vjaġġ ġarr medja ta' kważi 31 passiġġier, filwaqt li bejn Jannar u Awwissu 2026 il-medja kienet ta' 33 passiġġier. Dawn il-figuri jindikaw li, b'mod ġenerali, il-kapaċità skedata qed tlaħħaq mad-domanda, għalkemm jista' jkun hemm vjaġġi partikolari b'domanda ogħla.

Bħalissa għaddej ukoll studju komprensiv tan-network tat-trasport pubbliku, bil-għan li jiġu evalwati tibdiliet fis-servizz.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ROTTA 110 – ŻIEDA FIL-FREKWENZA

2658. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk Transport Malta u/jew Malta Public Transport għamlux jew humiex jagħmlu studju dwar il-possibbiltà li l-frekwenza tar-Rotta 110 tiżdied minn madwar darba fis-siegħa għal darba kull 30 minuta, partikolarment minħabba d-domanda minn Ta' Ġiorni, San Ġwann, is-Swatar, Birkirkara u Tas-Sliema? Jekk iva, jista' jqiegħed ir-riżultati tal-istudju fuq il-Mejda tal-Kamra, u jekk le, għaliex le?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2657.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ROTTA 110 – PASSIĠĠIERI

2659. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il passiġġier uża r-Rotta 110 matul kull sena mill-2022 sas-16 ta' Settembru 2026, maqsuma skont id-direzzjoni u, fejn possibbli, skont il-waqfa u l-ħin tal-ġurnata? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-average passenger load u l-ogħla passenger load irreġistrat fuq din ir-rotta?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta' passiġġieri li użaw ir-Rotta 110 minn Jannar 2022 sa Diċembru 2024 huwa indikat fit-tabella li qiegħda titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra. Għall-informazzjoni l-oħra mitluba, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2657.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ROTTA 110 – KAŻIJIET TA' PASSIĠĠIERI LI MA SETGĦUX JITILGĦU

2660. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba matul l-aħħar tliet snin ġew irreġistrati każijiet fuq ir-Rotta 110 fejn karozza tal-linja laħqet il-kapaċità massima tagħha u passiġġieri ma setgħux jitilgħu? Jista' wkoll jagħti din l-informazzjoni maqsuma skont ix-xahar, il-ħin u l-waqfa fejn disponibbli?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ENEMALTA – PROĠETTI F'GĦAWDEX – INVESTIMENT ALLOKAT

2692. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm mill-investiment totali previst fil-pjan ta' disa' snin tal-Enemalta huwa allokat speċifikament għal Għawdex, maqsuma sena b'sena u proġett bi proġett?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 35
10/11/2026

GĦAWDEX – DOMANDA GĦALL-ELETTRIKU

2693. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti l-ogħla domanda għall-elettriku rreġistrata f'Għawdex mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u tgħid b'kemm żdiedet f'termini assoluti u perċentwali matul dan il-perjodu?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ENEMALTA – TBASSIR GĦAD-DOMANDA MASSIMA TAL-ELETTRIKU

2694. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhu t-tbassir tal-Enemalta għad-domanda massima għall-elettriku f'Għawdex għall-2030, l-2035 u l-2040 u jekk l-infrastruttura attwali hijiex kapaċi tlaħħaq ma' dawn il-livelli b'redundancy suffiċjenti?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 35
10/11/2026

GĦAWDEX – KAPAĊITÀ TAN-NETWORK ELETTRIKU – ASSUMPTIONS

2695. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema assumptions dwar żieda fil-popolazzjoni, akkomodazzjoni turistika, żvilupp ġdid, air-conditioning, vetturi elettriċi u elettrifikazzjoni oħra ġew ikkunsidrati meta ġiet ippjanata l-kapaċità tan-network tal-elettriku f'Għawdex?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 35
10/11/2026

GĦAWDEX – ĠENERATORS MINĦABBA QTUGĦ TA' DAWL

2696. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il generator ġie trasportat jew mobilizzat f'Għawdex minħabba l-qtugħ fil-provvista tal-elettriku fit-28 u fid-29 ta' Awwissu 2026, x'kienet il-kapaċità f'kVA jew MW ta' kull wieħed, fejn tqiegħed u f'liema ħin opera?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 35
10/11/2026

GĦAWDEX – EMERGENCY GENERATION

2697. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'kapaċità ta' emergency generation kienet diġà disponibbli f'Għawdex qabel seħħ l-inċident tal-qtugħ fil-provvista tal-elettriku fit-28 u fid-29 ta' Awwissu 2026 u jekk din kinitx biżżejjed biex tiggarantixxi provvista lil servizzi essenzjali?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ROTOT ĠODDA TAL-AJRU – APPOĠĠ FINANZJARJU/INĊENTIVI – ANALIŻI

3806. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'tip u x'dettall ta' analiżi tal-ispiża u l-benefiċċju issir qabel jipprovdi appoġġ finanzjarju jew inċentivi għal rotot ġodda tal-ajru u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar analiżi li saret?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MTA – MARKETING TURISTIKU – KEJL TAL-INVESTIMENT

3807. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kif l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) tkejjel ir-redditu fuq l-investiment ta' kull kampanja ewlenija ta' marketing turistiku u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar riżultati disponibbli?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi jsiru diversi kampanji b'għanijiet differenti li fl-aħħar mill-aħħar ikunu ntiżi li b'mod konġunt jilħqu l-miri tagħhom f'suq jew niċċa partikolari. Reklamar ta' destinazzjoni ma jistax jitkejjel f'iżolament.
Is-suċċess tal-industrija tat-turiżmu Maltija, kemm f'dawk li huma numri li jżuruna, kif ukoll id-dħul li tħalli din l-industrija fl-ekonomija, huma xhieda ħajja tad-deċiżjonijiet għaqlija li ttieħdu u huma rikonoxxuti lokalment kif ukoll internazzjonalment minn organizzazzjonijiet bħal UNTWO u Eurostat

Seduta Numru 35
10/11/2026

SWIEQ BARRANIN – PRIJORITÀ – SNIN 2027 U 2028

3808. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-ħames swieq barranin li l-Gvern għandu l-ħsieb jagħti prijorità matul l-2027/2028 u r-raġuni għall-għażla ta' kull wieħed minn dawn is-swieq?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li ser tkompli tikkonsolida dawk is-swieq meqjusa ewlenin, u dawk emerġenti , l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ser tkun qiegħda tissokkta bil-ħidma tagħha biex tattira swieq ġodda fl-Ewropa u lil hinn.

Seduta Numru 35
10/11/2026

TURIŻMU INTERNAZZJONALI LEJN MALTA – PERĊENTWAL MIS-SWIEQ EWLENIN

3809. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'perċentwal tat-turiżmu internazzjonali lejn Malta bħalissa ġej mill-ħames swieq ewlenin, u jekk il-Gvern iqisx li Malta hijiex dipendenti żżejjed fuq xi suq partikolari?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninsab infurmat li Malta llum tgawdi firxa wiesgħa ta' swieq minn fejn jiġi t-turiżmu lejn pajjiżna. L-istrateġija hi li nżidu iżjed turiżmu minn swieq iktar imbiegħda bħall-Amerika ta' Fuq, Amerika Latina, Asja u Awstralja.
L-aqwa ħames swieq fit-2025 kienu: l-Ingilterra (20.9%); l-Italja (14.5%); il-Polonja (9.6%); Franza (7.1%); u l-Ġermanja (6.5%).

Seduta Numru 35
10/11/2026

TURIŻMU MEDIKU U TAS-SAĦĦA – STRATEĠIJA NAZZJONALI

3810. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġietx ifformolata strateġija nazzjonali għat-turiżmu mediku u tas-saħħa u jekk iva, jqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninsab infurmat li l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu qiegħda taġġorna l-istrateġija għas-settur għaż-żmien li ġej u tikkonsulta fuq din in-niċċa li potenzjalment tista' tattira turiżmu ta' valur għoli.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MTA – ILMENTI MINGĦAND TURISTI

3811. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew riċevuti lmenti mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) mingħand turisti matul l-2025 u l-ewwel sitt xhur tal-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont il-kategorija?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninsab infurmat li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu irċeviet total ta' 1,182 ilment bejn l-1 ta' Jannar 2025 u 30 ta' Ottubru 2026. L-informazzjoni dwar il-kategoriji ta' dawn l-ilmenti qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

IR-RABAT, MALTA – HUB TAL-INKLUŻJONI

4158. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett tal-hub tal-inklużjoni fir-Rabat, Malta? Tista' tgħid ukoll meta hu ppjanat li titlesta l-ewwel fażi ta' dan il-proġett u meta ser jibda jopera? Tista' tgħid ukoll x'servizzi ser ikunu qegħdin jingħataw minn dan iċ-ċentru u min ser ikun qed jiffinanzja dan il-proġett?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tender ġie aġġudikat. Infurmata li fil-preżent qed ikunu indirizzati kwistjonijiet tekniċi mal-kuntrattur skont il-proċeduri applikabbli tal-akkwist pubbliku. L-iskedi ta' żmien tal-proġett ikunu aktar ċari ladarba dawn il-kwistjonijiet jiġu solvuti.

Seduta Numru 35
10/11/2026

STUDENTI NEQSIN MID-DAWL

4159. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm għalliema li huma mħarrġa biex jagħtu tagħlim lil studenti neqsin mid-dawl? Tista' tgħid ukoll kemm hemm studenti li huma neqsin mid-dawl?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

STUDENTI NEQSIN MID-DAWL

4160. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema li huma mħarrġa biex jagħtu tagħlim lil studenti neqsin mid-dawl? Jista' jgħid ukoll kemm hemm studenti li huma neqsin mid-dawl?

23/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat illi għandna żewġ għalliema li huma mħarrġa biex jagħtu tagħlim lil studenti neqsin mid-dawl. Dan flimkien ma' support ieħor li dawn l-istudenti jirċievu.

Seduta Numru 35
10/11/2026

EMPOWERMENT SCHEME

4161. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm qed jibbenefikaw persuni mill-Empowerment Scheme? Tista' tgħid ukoll min jista' jibbenefika minn din l-iskema, kemm hu l-kumpens li se jingħata lil dawk il-persuni li jkunu applikaw u ġew approvati li ser jieħdu finanzjament taħt din l-iskema?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn Jannar u Ottubru tas-sena 2026, ġew approvati total ta' 1,115-il applikazzjoni taħt l-Iskema tal-Empowerment. Din l-iskema toffri assistenza finanzjarja lill-persuni b'diżabilità biex ikunu jistgħu jixtru apparat assistiv jew servizzi ta' trasport li jgħinhom jgħixu ħajja aktar indipendenti fid-dar jew komunità tagħhom. L-Empowerment Scheme titmexxa minn Bord indipendenti li jinkludi numru ta' professjonisti, persuna b'diżabilità u qarib ta' persuna b'diżabilità bħala membri li jiltaqgħu darba fi-xahar biex jevalwaw l-applikazzjonijiet li jkunu ġew sottomessi matul dak il-perjodu. Ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà huma disponibbli fuq il-website tal-Aġenzija Sapport u qed inpoġġi kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ĦAL KIRKOP – BINJA 'SPALLA'

4162. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm qegħdin igawdu persuni mis-servizzi fil-binja 'Spalla' f'Ħal Kirkop? Tista' tgħid ukoll x'servizzi qegħdin jingħataw f'din il-binja?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ftit xhur ilu tlestew ix-xogħlijiet fuq il-binja u issa qed isiru diskussjonijiet ma min ser jamministra s-servizz, biex il-proġett SPALLA jibda jopera fix-xhur li ġejjin. Il-proġett se jikkonsisti f'servizzi ta' respite għal persuni b'diżabilità bl-għan li jissaħħaħ is-sostenn fil-komunità.

Seduta Numru 35
10/11/2026

PROĠETT TA' ĊENTRU GĦAL MATUL IL-JUM

4163. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett ta' Ċentru għal Matul il-Jum li tħabbar fl-aħħar baġit u tagħti aktar dettalji dwar dan il-proġett?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan iċ-ċentru, li jinsab fil-Gżira, huwa maħsub biex jilqa' persuni b'diżabilità li għandhom aktar minn 61 sena u li diġà jattendu ċ-ċentri ta' matul il-jum. Dan il-proġett jagħmel parti mir-riforma li qed issir fiċ-ċentri ta' matul il-jum, sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jitqassmu skont l-età tagħhom u jingħataw servizzi skont il-bżonnijiet u l-ħtiġijiet tagħhom.
It-tender, li jinkludi l-ħtiġijiet operattivi kollha ta' dan iċ-ċentru, intrebaħ, u Aġenzija Sapport qed tistenna li dan jiġi aġġudikat mid-Dipartiment tal-Kuntratti.
Fir-rigward tal-binja, Aġenzija Sapport qed twettaq xogħlijiet estensivi ta' rinnovazzjoni, li jinsabu fi stadju avvanzat. It-tieni fażi tax-xogħlijiet elettriċi (second fix), ix-xogħlijiet finali ta' tlestija u l-installazzjoni tal-aperturi huma skedati għall-ġimgħat li ġejjin.
It-tlestija tax-xogħlijiet fil-binja u l-konsenja tagħha lill-operatur huma previsti li jsiru matul l-ewwel kwart tas-sena li ġejja.

Seduta Numru 35
10/11/2026

L-IMĠARR, GĦAWDEX – FAST FERRY TERMINAL – NEFQA FUQ TINDA

4167. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa jew kemm qed tiġi tiswa t-tinda għall-passiġġieri tal-Fast Ferry fl-Imġarr, Għawdex, fuq ir-rotta Mġarr-Buġibba-Sliema?

23/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

FORTI RICASOLI – SPAZJU GĦALL-ĠBID TA' FILMS

4304. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazju fil-Forti Ricasoli li bħalissa jista' jintuża għall-bini u t-twaqqif ta' settijiet tal-films? Jista' jgħid ukoll jekk saritx valutazzjoni dwar kif proġetti ta' restawr jew interventi oħra jistgħu jaffettwaw din il-kapaċità?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 35
10/11/2026

HERITAGE MALTA U L-KUMMISSJONI MALTIJA GĦALL-FILMS – LAQGĦAT DWAR IL-FORTI RICASOLI

4305. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Heritage Malta jew il-Kummissjoni Maltija għall-Films iltaqgħux ma' rappreżentanti tal-industrija tal-films biex jiddiskutu l-użu futur ta' Forti Ricasoli? Jekk iva, jista' jgħid kemm-il laqgħa saret, f'liema dati u liema kwistjonijiet ġew diskussi?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 35
10/11/2026

FORTI RICASOLI – TALBIET GĦALL-UŻU

4306. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il talba għall-użu tal-Forti Ricasoli għall-ġbid ta' films jew produzzjonijiet televiżivi waslet għand l-entitajiet responsabbli matul kull waħda mill-aħħar ħames snin, kemm ġew approvati u kemm ġew miċħuda jew irtirati?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 35
10/11/2026

FORTI RICASOLI – TALBIET GĦALL-ĠBID TA' FILMS JEW PRODUZZJONIJIET TELEVIŻIVI

4307. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jagħti lista tar-raġunijiet li għalihom talbiet għall-ġbid ta' films jew produzzjonijiet televiżivi fil-Forti Ricasoli ġew miċħuda jew suġġetti għal limitazzjonijiet matul l-aħħar ħames snin, filwaqt li jindika kemm-il każ kien hemm għal kull raġuni?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 35
10/11/2026

HERITAGE MALTA – DĦUL MILL-UŻU TAL-FORTI RICASOLI

4308. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul ta' Heritage Malta mill-użu tal-Forti Ricasoli għall-ġbid ta' films, produzzjonijiet televiżivi jew attivitajiet relatati ma' dawn il-produzzjonijiet f'dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Forti Ricasoli ma jaqax taħt l-amministrazzjoni ta' Heritage Malta.

Seduta Numru 35
10/11/2026

KUMMISSJONI MALTIJA GĦALL-FILMS - SITI STORIĊI

4309. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru, permezz tal-Kummissjoni Maltija għall-Films, jagħti lista tas-siti storiċi f'Malta u Għawdex li ntużaw minn produzzjonijiet internazzjonali ta' films u televiżjoni mill-2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u jindika t-tip ta' produzzjoni u s-sena tal-ġbid għal kull sit?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 35
10/11/2026

IR-RABAT, GĦAWDEX - TRIQ FORTUNATO MIZZI - SPAZJI TA' PARKEĠĠ

4334. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Fid-dawl tan-nuqqas ta' parkeġġ fir-Rabat, Għawdex, jista' l-Ministru jgħid x'passi se jieħu sabiex l-ispazji ta' parkeġġ pubbliku fi Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex, jiġu organizzati b'mod aktar effiċjenti u ekwu, bil-għan li jiżdied kemm jista' jkun l-għadd ta' spazji disponibbli?

26/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ispazji ta' parkeġġ pubbliku fi Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex, huma diġà organizzati. Għaldaqstant, ikun apprezzat jekk l-Onor. Interpellant jiċċara għal liema sezzjoni tat-triq qed jirreferi, sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni dwar jekk hemmx lok għal titjib fl-organizzazzjoni tal-parkeġġ f'dik iż-żona.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MALTA U GĦAWDEX - TESTIJIET TAL-PRATTIKA - KATEGORIJA B

4335. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru testijiet tal-prattika għall-kisba tal-liċenzja tas-sewqan tal-kategorija B, f'Malta u Għawdex separatament, filwaqt li jispeċifika kemm minnhom għaddew u kemm m'għaddewx mill-2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

26/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed tingħata fit-tabella segwenti:

Sena	Malta Għaddew	Malta M'għaddewx	Malta Total Testijiet	Għawdex Għaddew	Għawdex M'għaddewx	Għawdex Total Testijiet
2024	4,340	5,736	10,076	341	438	779
2025	4,111	6,696	10,807	465	524	989
2026 Jan.-Sett.	2,912	5,962	8,874	387	480	867

Seduta Numru 35
10/11/2026

GĦAWDEX - ITS - INVESTIMENT

4392. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3177 u jagħti rendikont tal-investiment li sar fl-iskola tal-ITS f'Għawdex, inkluż f'xogħlijiet strutturali, mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll in-natura ta' kull investiment u l-ispiża tiegħu, kif ukoll l-ammont totali li ntefaq matul dan il-perjodu?

27/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninsab infurmat li mill-2020 'l hawn sar investiment ta' €62,425.09 fil-kampus tal-ITS ġewwa Għawdex. Dawn kienu jinkludu xogħlijiet ta' elettriku u ilma, suffetti u ġipsum, airconditioners, fran, laptops u boiler fost l-oħrajn. Dan l-ammont ma jinkludix manutenzjoni ta' affarijiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien.

Seduta Numru 35
10/11/2026

GOZO CHANNEL – FLOTTA ĠDIDA – KOFINANZJAMENT MILL-UE

4459. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1520 u 3323 u jgħid jekk il-Gvern, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, bediex proċess serju biex jikseb kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea għall-investiment fi flotta ġdida tal-Gozo Channel? Jekk le, jista' jgħid ukoll liema passi ttieħdu u f'liema stadju jinsabu?

28/10/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ROTTA 62 – MARSA PARK AND RIDE – IMPATT FUQ IL-PUNTWALITÀ

4470. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk id-dewmien fir-rotta 62 huwiex marbut mal-fatt li l-karozzi tal-linja jgħaddu mill-Marsa Park and Ride, fejn spiss ikun hemm konġestjoni tat-traffiku, u jekk saritx analiżi biex jiġi evalwat l-impatt ta' din ir-rotta fuq il-puntwalità tas-servizz?

28/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, kif sar u jsir f'numru ta' rotot aħjar, matul iż-żmien ikun hemm aġġornament f'rotot biex tissaħħaħ il-konnettività u aktar persuni jkunu jistgħu jkollhom aċċess għall-użu tat-trasport. Infurmat li fl-2015, r-rotta 62 bidet tgħaddi mill-Marsa Park and Ride, wara talba li kien hemm biex din ir-rotta tgħaddi minn din iż-żona għall-persuni, partikolarment mis-Siġġiewi, biex ikollhom l-opportunità jużaw rotot oħrajn mingħajr ma jkollhom il-bżonn jidħlu l-Belt Valletta. Fl-2023 żdiedet il-frekwenza ta' din ir-rotta fil-ħinijiet peak, minn tlieta għal erba' vjaġġi fis-siegħa, sabiex tkun tista' tlaħħaq aħjar mad-domanda. Dan filwaqt li s-sena l-oħra sar tibdil ir-rotta de quo, tkopri partijiet oħra mis-Siġġiewi li qabel ma kenux servuti.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ROTTA 62 – TITJIB TAS-SERVIZZ

4471. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk Transport Malta u l-operatur tat-trasport pubbliku humiex qed jikkunsidraw tibdil fir-rotta 62, żieda fil-frekwenza tal-karozzi tal-linja jew miżuri operattivi oħra sabiex jitnaqqas id-dewmien u jitjieb is-servizz lir-residenti tas-Siġġiewi?

28/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu fil-mistoqsija parlamentari 4470.

Seduta Numru 35
10/11/2026

KAROZZI TAL-LINJA – KAŻIJIET TA' VJAĠĠI LI MA JSEĦĦUX SKONT L-ISKEDA

4472. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jispjega x'azzjoni tittieħed meta karozza tal-linja ma toperax skont l-iskeda u l-passiġġieri jkollhom jistennew għal perjodi twal mingħajr ma jingħataw informazzjoni jew jiġu offruti alternattivi adegwati?

28/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-azzjoni li tittieħed f'każijiet bħal dawn huma speċifikati fil-kuntratt li jirregola dan is-servizz.

Seduta Numru 35
10/11/2026

IS-SIĠĠIEWI – TRIQ DUN MANWEL ZAMMIT – DEWMIEN FIS-SERVIZZ

4473. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Fid-dawl tal-ilmenti ta' passiġġieri li nhar is-Sibt 24 ta' Ottubru 2026, tliet karozzi tal-linja ma għaddewx għal madwar 70 minuta minn Triq Dun Manwel Zammit, fis-Siġġiewi, jista' l-Ministru jinvestiga dan l-inċident u jgħid jekk dan id-dewmien huwiex rifless fir-rekords operattivi tas-servizz?

28/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta tinvestiga b'mod serju u responsabbli kull ilment irreġistrat, filwaqt li tiżgura li jittieħdu l-miżuri u l-passi meħtieġa sabiex kull każ jiġi indirizzat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ROTTA 62 – PJAN TA' MONITORAĠĠ REGOLARI TAL-PRESTAZZJONI TAR-ROTTA

4474. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan biex isir monitoraġġ regolari tal-prestazzjoni tar-rotta 62 u biex ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ jintużaw sabiex jiġi żgurat titjib fis-servizz?

28/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta twettaq monitoraġġ fuq ir-rotot kollha sabiex tevalwa l-andament tagħhom.

Seduta Numru 35
10/11/2026

TA' QALI – MANUTENZJONI TAL-PARK NAZZJONALI

4497. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali fil-perjodu bejn l-2024 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Tista' wkoll tagħti rendikont tal-ispejjeż, tal-kuntratti mogħtija u tal-kumpaniji jew entitajiet li wettqu dawn ix-xogħlijiet?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-Park Nazzjonali Ta' Qali huma ta' natura rikorrenti u jitwettqu skont il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien bil-għan li l-faċilitajiet u l-infrastruttura tal-park jinżammu f'kundizzjoni tajba. Infurmata li matul il-perjodu imsemmi x-xogħlijiet kienu jinkludu xogħlijiet ta' tisbiħ u manutenzjoni fiż-żoni tal-parkeġġ, rikostruzzjoni u tiswija ta' ħitan u strutturi, manutenzjoni ta' passaġġi u faċilitajiet, kif ukoll interventi f'żoni rikreattivi u oħrajn ta' servizz. Saru wkoll xogħlijiet fl-ispazju tal-arti, fil-ġonna formali, fiż-żona tal-kunċerti u f'żoni oħra tal-park.
Parti sostanzjali mix-xogħlijiet kienet tinvolvi wkoll il-manutenzjoni tal-funtana ewlenija u tal-karatteristiċi tal-ilma fl-Adventure Park, inkluż tiswijiet u tibdil ta' pompi, valvi, filtri, tagħmir mekkaniku u sistemi tad-dawl. Barra minn hekk, saru xogħlijiet relatati mal-arbli tad-dawl u s-sistema tad-dawl b'mod ġenerali, manutenzjoni kontinwa tal-landscaping u xogħlijiet ta' tindif u manutenzjoni ġenerali madwar il-park kollu.

Dawn ix-xogħlijiet twettqu mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kif ukoll-forniturи oħra ta' servizzi speċjalizzati, skont in-natura u l-ħtiġijiet tax-xogħlijiet rispettivi.
Dawn l-ispejjeż huma koperti minn vot apposta allokat fuq bażi annwali. Infurmata li jkunu segwiti wkoll il-proċeduri tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

Seduta Numru 35
10/11/2026

FUNTANI PUBBLIĊI – MANUTENZJONI

4498. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm saru xogħlijiet ta' manutenzjoni jew restawr fuq funtani pubbliċi fil-perjodu bejn l-2024 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Tista' tagħti lista tal-funtani, il-lokalitajiet fejn jinsabu, it-tip ta' xogħol li sar u l-ispiża għal kull waħda?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba u miġbura mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi. It-tiswijiet u l-manutenzjoni jsiru skont il-pariri tekniċi miksuba.

Seduta Numru 35
10/11/2026

INIZJATTIVI TA' BINI U KOSTRUZZJONI

4499. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tagħti lista tal-inizjattivi ta' bini u kostruzzjoni ffinanzjati taħt il-vot tal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar matul l-2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Tista' tgħid ukoll liema inizjattivi twettqu, liema għadhom għaddejjin u liema ġew ikkanċellati jew posposti?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħidma tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi tinkludi inizjattivi ta' bini, kostruzzjoni, riġenerazzjoni u titjib ta' infrastruttura pubblika f'diversi lokalitajiet madwar il-pajjiż.
Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu indikat 21 inizjattiva ġew finalizzati, filwaqt li għaddej ix-xogħol fuq 34 inizjattiva oħra.
Il-ħidma tad-Dipartiment hija waħda kontinwa, bl-inizjattivi jkunu jinsabu fi stadji differenti ta' ppjanar u implimentazzjoni skont in-natura, il-kumplessità, il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tekniċi u operattivi ta' kull intervent. L-inizjattivi li għadhom għaddejjin jinsabu fi stadji differenti, fosthom fl-istadju tad-disinn, fl-istadju tal-eżekuzzjoni, fil-proċess tal-kisba tal-permessi meħtieġa mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar, jew fil-proċess tal-akkwist pubbliku (procurement).
Il-progress ta' dawn l-inizjattivi jiġi segwit kontinwament filwaqt li l-programm ta' ħidma jiġi aġġornat skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien.

Seduta Numru 35
10/11/2026

SKEMA VJAL KULĦADD – PROĠETTI APPROVATI

4500. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew approvati proġetti taħt l-iskema Vjal Kulħadd, li għaliha tħabbret allokazzjoni ta' €10 miljuni? Tista' wkoll tagħti lista tal-proġetti maqsuma skont il-Kunsill Lokali, l-ammont approvat, l-ammont li effettivament intefaq u l-istat attwali ta' kull proġett?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

SKEMA VJAL KULĦADD – PROĠETTI LI GĦADHOM MA TLESTEWX

4501. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm mill-proġetti approvati taħt l-iskema Vjal Kulħadd għadhom ma tlestewx? Tista' wkoll tindika r-raġuni għad-dewmien u d-data prevista għat-tlestija ta' kull proġett?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

TAL-BARRANI – PROĠETT TA' RIORGANIZZAZZJONI TAT-TRAFFIKU

4502. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-proġett ta' riorganizzazzjoni tat-traffiku f'Tal-Barrani, li fil-Baġit 2025 kien previst li jitlesta, tlestiex kompletament? Tista' tgħid ukoll jekk kienx hemm spejjeż addizzjonali fuq dawk oriġinarjament previsti, l-ispiża finali u tindika d-data tat-tlestija?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

NEW WATER PRODOTT

4540. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġie prodott New Water minn kull polishing plant mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MALTA U GĦAWDEX – DISPENSERS TAN-NEW WATER

4541. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm dispensers tan-New Water kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex? Kemm hemm persuni rreġistrati li jistgħu jagħmlu użu minnu, maqsuma lokalità b'lokalità? Tista' tgħid ukoll kemm intużaw litri ta' New Water f'Malta u f'Għawdex mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li madwar Malta hawn 187 dispenser tan-New Water, filwaqt li f'Għawdex hemm 51 dispenser. In-numru ta' bdiewa reġistrati li jistgħu jagħmlu użu minn dan l-ilma huwa ta' madwar 1,200 f'Malta u 930 f'Għawdex.
Fir-rigward tal-użu tan-New Water mill-2020 sal-lum, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 4540.

Seduta Numru 35
10/11/2026

AĊĊESS GĦAL SPIERI PUBBLIĊI GĦALL-BDIEWA U RAĦĦALA

4542. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm individwi li ngħataw aċċess ikkontrollat għal spieri pubbliċi li m'għadhomx jintużaw (fejn għad m'hemmx provvista diretta ta' New Water), matul l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Tista' tgħid ukoll kemm minn dawn l-individwi kienu bdiewa u raħħala ġenwini jew bdiewa u raħħala żgħażagħ?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

GĦAWDEX – PROĠETT GĦAT-TKABBIR TAL-PRODUZZJONI TA' NEW WATER

4543. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett għat-tkabbir tal-produzzjoni ta' New Water fl-impjant tat-trattament tad-drenaġġ f'Ras il-Ħobż, f'Għawdex li kellu jlaħħaq investiment ta' madwar €25 miljun? Kemm hi l-kapaċità ta' produzzjoni ta' dan l-impjant bħalissa u b'kemm ser tiżdied il-produzzjoni ladarba dan il-proġett jitlesta? Tista' tgħid ukoll meta hi d-data maħsuba għat-tlestija u tara li kull bidwi u raħħal ġenwin jew kull bidwi u raħħal żagħżugħ ikun provdut l-ammont ta' New Water neċessarju biex isaqqi r-raba' tiegħu?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja bil-preparamenti meħtieġa għat-twettiq ta' dan il-proġett f'Għawdex, fejn diġà sar l-akkwist tal-art kif ukoll l-applikazzjonijiet għall-permessi. Minħabba li ma rriżultat l-ebda offerta konformi mas-sejħa għall-offerti li kienet inħarġet, din se terġa' tiġi ppubblikata mill-ġdid fil-ġranet li ġejjin. L-impjant huwa mistenni li jżid il-produzzjoni tan-New Water b'madwar 4,000 metru kubu kuljum.

Seduta Numru 35
10/11/2026

GĦAJNUNA GĦALL-BDIEWA U RAĦĦALA

4544. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-2026 żdiditx l-għajnuna finanzjarja lill-bdiewa u r-raħħala, kemm minn fondi nazzjonali kif ukoll minn fondi Ewropej, separatament, u b'kemm flus? Jista' jgħid ukoll għal kemm kienet tammonta din l-għajnuna finanzjarja u kemm ibbenefikaw bdiewa u raħħala minn din l-għajnuna?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ART AGRIKOLA TAL-GVERN – TIBDILIET LEĠIŻLATTIVI

4545. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'tibdiliet leġiżlattivi ġew introdotti sabiex l-art agrikola tal-Gvern tingħata lill-bdiewa ġenwini, speċjalment bdiewa żgħażagħ u studenti tal-agribusiness?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddej proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar abbozz ta' Avviż Legali li tħejja sabiex jiġu introdotti regolamenti ġodda li jistabbilixxu l-proċedura għall-allokazzjoni ta' art agrikola lill-bdiewa, wara li tali art tkun ġiet assenjata jew akkwistata mill-Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta.

F'dan il-kuntest, ġie wkoll konkluż ftehim mal-Awtorità tal-Artijiet sabiex jiġu identifikati artijiet vakanti li huma proprjetà tal-Gvern, bil-għan li dawn jiġu sussegwentement assenjati lil RAM u, minn hemmhekk, ikunu jistgħu jiġu allokati lil bdiewa żgħażagħ jew lil bdiewa li jkollhom l-għan li jkabbru l-attività tagħhom fis-settur agrikolu.

Barra minn hekk, il-Gvern kompla bil-ħidma tiegħu dwar il-miżuri relatati mat-tnaqqis tat-taxxa tas-suċċessjoni fuq wirt ta' art agrikola, fil-każijiet fejn il-werriet ikun rikonoxxut bħala bidwi professjonali permezz tal-kategorizzazzjoni tal-bdiewa. Din il-miżura għandha l-għan li tiffaċilita t-trasferiment u ż-żamma tal-art agrikola f'idejn dawk li jkunu attivament involuti fil-biedja, filwaqt li tħeġġeġ il-kontinwità u s-sostenibbiltà tal-attività agrikola.

Seduta Numru 35
10/11/2026

IR-RABAT, GĦAWDEX - TRIQ GIORGIO BORG OLIVIER U TRIQ L-GĦAXRA TA' ĠUNJU 1887 - VICTORIA PARKING AREA - PROĠETT

4558. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: B'rabta mal-proġett ta' parkeġġ taħt l-art fuq diversi livelli u ġnien pubbliku fis-sit tal-Victoria Parking Area, fi Triq Giorgio Borg Olivier u Triq l-Għaxra ta' Ġunju 1887, fir-Rabat, Għawdex, jista' l-Ministru jindika:
i. f'liema stadju jinsab il-proġett, inkluż fir-rigward tal-ippjanar, il-permessi, il-ħruġ u l-għoti tal-offerti u x-xogħlijiet fuq il-post;
ii. fiex se jikkonsisti l-proġett, inklużi n-numru ta' livelli taħt l-art, in-numru ta' spazji għall-parkeġġ, id-daqs tal-ġnien pubbliku u l-faċilitajiet previsti;
iii. x'inhi l-ispiża stmata tal-proġett u kif se jiġi ffinanzjat; u
iv. jekk sarux studji dwar l-impatt tal-proġett fuq ir-residenti u n-negozji fl-inħawi, kif ukoll dwar l-impatt fuq it-traffiku (Traffic Impact Assessment) u, jekk iva, x'kienu l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom, u jekk jistax iqiegħed kopja ta' dawn l-istudji fuq il-Mejda tal-Kamra?

28/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm żewġ applikazzjonijiet quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar relatati mal-proġett tal-Victoria Parking Area. L-applikazzjoni PA/04986/25 tirrigwarda l-iżvilupp ta' parkeġġ taħt l-art fuq diversi livelli u ġnien pubbliku, filwaqt li l-applikazzjoni PC/00004/26 tirrigwarda allinjament ġdid tat-triq. Il-proġett jinkludi l-bini ta' parkeġġ taħt l-art b'kapaċità ta' madwar 300 vettura, fis-sit fejn attwalment jinsab il-grawnd tal-futbol eżistenti. Fuq il-parkeġġ se jinbena grawnd tal-futbol b'wiċċ ta' ħaxix artifiċjali. Ta' min jinnota li, permezz tal-proġetti tal-Victoria Park kif ukoll dak propost fi Pjazza l-Assedju l-Kbir, il-kapaċità tal-parkeġġ fiċ-ċentru tar-Rabat mistennija tkun ta madwar 600 spazju. Fl-istess waqt, dawn il-proġetti se jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' aktar spazji pubbliċi miftuħa u ħodor, bil-għan li titjieb il-kwalità tal-ambjent urban u jinħolqu aktar spazji rikreattivi għall-familji.

Seduta Numru 35
10/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

4568. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3741 u jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

29/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, fir-rigward tal-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), l-entitajiet ikkonċernati jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:
Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli
Il-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli m'għandhiex NGO tagħha stess. Madankollu, hija tikkollabora ma' Forum tal-NGOs, li jieħu sehem f'laqgħat li jsiru kull tliet xhur.
Awtorità tal-Artijiet
L-Awtorità tal-Artijiet tinforma li m'għandhiex kollaborazzjoni diretta ma' NGOs, bl-eċċezzjoni ta' dawk l-organizzazzjonijiet li għandhom proprjetà pubblika mikrija lilhom.
Awtorità tad-Djar
L-Awtorità tad-Djar tappoġġja diversi inizjattivi ta' akkomodazzjoni speċjalizzata u proġetti mmexxija minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, permezz tal-provvista ta' proprjetà b'kera sussidjata, akkomodazzjoni sussidjata u, f'każijiet partikolari, għajnuna finanzjarja.
Fost il-proġetti li bħalissa qed joperaw hemm Dar il-Kantuniera fl-Għarb, Għawdex; Dar il-Qawsalla f'San Ġwann; Dar Niki Cassar fl-Imsida; Dar il-Kaptan fl-Imtarfa; Villabianca f'Santa Venera; il-Proġett ta' Akkomodazzjoni Interġenerazzjonali fil-Belt Valletta; Dar Bla Ħitan fil-Birgu; u Dar Tereża f'Bormla. Dawn il-proġetti jipprovdu servizzi residenzjali u ta' appoġġ lil persuni u gruppi bi ħtiġijiet differenti, fosthom persuni li qed jiffaċċjaw sfidi relatati mas-saħħa mentali, persuni b'diżabilità, individwi li qed jesperjenzaw nuqqas ta' akkomodazzjoni, persuni li qed jirkupraw minn dipendenza fuq sustanzi, u persuni li jeħtieġu appoġġ sabiex jerġgħu jintegraw fis-soċjetà.
Barra minn hekk, hemm proġetti ppjanati fosthom Halfway Home fin-Naxxar, immexxi minn Caritas Malta, u Dar Simon Soler fil-Belt Valletta, immexxi mill-YMCA Malta. Dawn il-proġetti huma intiżi li joffru akkomodazzjoni u appoġġ lil persuni li jkunu għaddejjin minn proċess ta' rkupru jew li jkunu jeħtieġu soluzzjonijiet residenzjali li jippromwovu l-indipendenza u l-integrazzjoni fil-komunità.
L-Awtorità tad-Djar tappoġġja wkoll inizjattivi oħra mmexxija minn NGOs u organizzazzjonijiet relatati, fosthom Youth Café fl-Imsida, id-Dar Residenzjali tar-RISe Foundation fil-Belt Valletta, Dar Bjorn fiż-Żebbuġ, u d-Dar Speċjalizzata għaż-Żgħażagħ Adoloxxenti f'Birkirkara. L-appoġġ mogħti jvarja skont in-natura tal-proġett u jinkludi l-provvista ta' proprjetà jew akkomodazzjoni b'kera jew b'kundizzjonijiet sussidjati, kif ukoll għajnuna finanzjarja għall-iżvilupp ta' servizzi speċjalizzati.
Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jtejbu l-aċċess għal akkomodazzjoni xierqa, isaħħu l-inklużjoni soċjali u jiffaċilitaw l-indipendenza, ir-riabilitazzjoni u r-reintegrazzjoni fil-komunità tal-persuni li jeħtieġu appoġġ speċjalizzat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

4569. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3742 u jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

29/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

4570. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3743 u jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom biex jipprovdu servizzi f'Għawdex, u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

29/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 35
10/11/2026

FINANZJAMENT LILL-NGOS

4571. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3744 u jelenka l-NGOs li rċevew finanzjament mill-Ministeru fl-aħħar sentejn, bl-ammont u l-għan ta' kull għotja, maqsuma sena b'sena?

29/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-finanzjament mogħti mill-Ministeru għal Għawdex lil NGO's ivarjaw skont il-ħidma li jwettqu l-NGO's. L-għoti tal-finanzjament huwa intiż biex fost l-oħrajn ikopri l-ispejjeż tal-ħidma – li tinkludi inizjattivi u proġetti – li jwettqu dawn l-NGOs.

Seduta Numru 35
10/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

4572. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3745 u jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

29/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4569.

Seduta Numru 35
10/11/2026

FSWS CHILDCARE – CARERS BARRANIN – GĦARFIEN TAL-LINGWA MALTIJA

4576. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3895 u jgħid kemm hemm carers ta' nazzjonalità barranija impjegati fis-servizz tal-FSWS Childcare, maqsuma skont kull ċentru? Jista' jgħid ukoll jekk il-carers barranin kollha, impjegati f'dan is-servizz, għandhomx għarfien tal-lingwa Maltija u jekk dan l-għarfien jiġix verifikat?

29/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-FSWS la tmexxi u lanqas topera Child care centres.

Seduta Numru 35
10/11/2026

IL-MARSA – TOROQ – XOGĦLIJIET

4892. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk it-toroq li fuqhom se ssir tiswija jew isiru mill-ġdid fil-lokalità tal-Marsa? Jista' jgħid ukoll liema huma dawk it-toroq li bħalissa diġà għaddej ix-xogħol fuqhom?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

SANTA VENERA – TOROQ – XOGĦLIJIET

4893. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk it-toroq li fuqhom se ssir tiswija jew isiru mill-ġdid fil-lokalità ta' Santa Venera? Jista' jgħid ukoll liema huma dawk it-toroq li bħalissa diġà għaddej ix-xogħol fuqhom?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

TAL-PIETÀ/GWARDAMANĠA – TOROQ – XOGĦLIJIET

4894. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk it-toroq li fuqhom se ssir tiswija jew isiru mill-ġdid fil-lokalità tal-Pietà/Gwardamanġa? Jista' jgħid ukoll liema huma dawk it-toroq li bħalissa diġà għaddej ix-xogħol fuqhom?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

IL-FURJANA – TOROQ – XOGĦLIJIET

4895. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk it-toroq li fuqhom se ssir tiswija jew isiru mill-ġdid fil-lokalità tal-Furjana? Jista' jgħid ukoll liema huma dawk it-toroq li bħalissa diġà għaddej ix-xogħol fuqhom?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

IL-BELT VALLETTA – TOROQ – XOGĦLIJIET

4896. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk it-toroq li fuqhom se ssir tiswija jew isiru mill-ġdid fil-lokalità tal-Belt Valletta? Jista' jgħid ukoll liema huma dawk it-toroq li bħalissa diġà għaddej ix-xogħol fuqhom?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

B'KARA – TOROQ – XOGĦLIJIET

4897. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk it-toroq li fuqhom se ssir tiswija jew isiru mill-ġdid fil-lokalità ta' B'kara? Jista' jgħid ukoll liema huma dawk it-toroq li bħalissa diġà għaddej ix-xogħol fuqhom?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

IL-MOSTA – DAR TAL-ANZJANI – XOGĦLIJIET

4966. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4427 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3858, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex hemm dewmien fix-xogħlijiet fid-Dar tal-Anzjani tal-Mosta meta kien ġie ddikjarat mill-Ministru ta' qabel illi dawn ser ikunu lesti fis-sena 2027?

04/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmat li x-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fid-Dar tal-Anzjani tal-Mosta għaddejjin b'ritmu tajjeb. Infurmat li matul l-implimentazzjoni tal-proġett, ġie deċiż li jiġu indirizzati interventi strutturali addizzjonali. Madankollu, ix-xogħlijiet qed ikomplu u qed jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, filwaqt li jiġu żgurati s-sigurtà, il-kwalità u l-konformità mar-rekwiżiti tekniċi.

Seduta Numru 35
10/11/2026

KUNSILL GĦALL-ANZJANI – MEMBRI

4967. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4428 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 385, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta għalaq it-terminu tal-Kunsill għall-Anzjani?

04/11/2026

ONOR. IAN BORG: Infurmat li għalkemm it-terminu għalaq, dan il-Kunsill għadu kostitwit skont il-Liġi.

Seduta Numru 35
10/11/2026

PENSJONANTI TAS-SERVIZZ LI QED JIEĦDU L-PENSJONI SĦIĦA

4968. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4598 u jgħid kemm huwa n-numru ta' pensjonanti tas-servizz li bħalissa qed jieħdu l-pensjoni sħiħa?

04/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant tispeċifika għal liema pensjoni qed tirreferi meta qed tgħid 'pensjoni sħiħa'

Seduta Numru 35
10/11/2026

PENSJONANTI TAS-SERVIZZ LI SER JIEĦDU L-PENSJONI SĦIĦA MINN JANNAR 2027

4969. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4599 u jgħid kemm ser ikunu l-pensjonanti tas-servizz li ser ikunu qed jieħdu l-pensjoni sħiħa minn Jannar 2027?

04/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant tispeċifika għal liema pensjoni qed tirreferi meta qed tgħid 'pensjoni sħiħa'

Seduta Numru 35
10/11/2026

PENSJONANTI LI GĦANDHOM PENSJONI TA' €37,624 FIS-SENA

4970. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' pensjonanti li għandhom pensjoni ta' €37,624 fis-sena?

04/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

PENSJONANTI LI GĦANDHOM PENSJONI TAĦT L-€1,000

4971. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' pensjonanti li għandhom pensjoni taħt l-€1,000?

04/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

IL-GŻIRA – ENCROACHMENTS U OKKUPAZZJONI ILLEGALI TA' ART PUBBLIKA – MULTI

4974. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3885 u 4458 u jgħid x'inhu l-ammont ta' multi imposti jew mitluba f'każijiet ta' "encroachments" jew okkupazzjoni illegali ta' art pubblika fil-Gżira? Jista' wkoll jindika jekk dawn il-multi humiex qed jitħallsu fil-ħin u jekk il-ħlasijiet kollha dovuti humiex aġġornati? Jista' jipprovdi, f'tabella, id-dettalji ta' kull każ inkluż l-ammont tal-multa imposta, l-ammont miġbur s'issa, l-ammont pendenti u, fejn applikabbli, l-azzjonijiet meħuda biex jinġabru l-ammonti dovuti?

04/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4904.

Seduta Numru 35
10/11/2026

PERMESSI TA' RESIDENZA – APPLIKAZZJONIJIET – ŻMIEN TA' PROĊESSAR

4975. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2947 u 4566 u jgħid x'kien iż-żmien medju li ħadet l-Aġenzija Identità biex tipproċessa u tiddeċiedi applikazzjonijiet għal permess ta' residenza matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont il-kategorija tal-applikazzjoni? Jista' jgħid ukoll kemm ġew deċiżi applikazzjonijiet wara li skada ż-żmien statutorju stabbilit mil-liġi, u kemm applikazzjonijiet għadhom pendenti llum, lil hinn minn dak iż-żmien?

04/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MEDIĊINA CARBIMAZOLE

4996. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-mediċina Carbimazole hijiex out of stock, u jekk iva, meta ser terġa' tkun disponibbli?

04/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li l-mediċina Carbimazole hija disponibbli mill-POYC.

Seduta Numru 35
10/11/2026

L-ISPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX – KLINIKA TAD-DENTISTRIJA GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

4997. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4246, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm pazjenti nqdew mill-Klinika tad-Dentistrija għal Persuni b'Diżabilità fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex matul l-2023, l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jagħti l-ġranet li tinfetaħ din il-klinika u kemm appuntamenti jsiru f'kull sessjoni?

04/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2026, minn meta bdiet tinżamm l-informazzjoni, sal-aħħar ta' Awwissu, ingħataw 81 appuntament għall-persuni b'diżabilità fil-Klinika tad-Dentistrija fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Il-klinika tkun miftuħa mit-Tnejn sas-Sibt u f'kull sessjoni jsiru madwar 23 appuntament.

Seduta Numru 35
10/11/2026

L-ISPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX – KLINIKA TAL-PODJATRIJA

4998. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4247, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm pazjenti nqdew mill-Klinika tal-Podjatrija fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex matul l-2023, l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jagħti l-ġranet li tinfetaħ din il-klinika u kemm appuntamenti jsiru f'kull sessjoni?

04/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed tingħata fit-tabella ta' hawn taħt:

Sena	Appuntamenti
2023	731
2024	524
2025	366
2026 (Minn Jannar sal-aħħar ta' Awwissu)	330

Seduta Numru 35
10/11/2026

L-ISPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX – KLINIKA TAL-FIŻJOTERAPIJA

4999. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4248, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm pazjenti nqdew mill-Klinika ta' Fiżjoterapija fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex matul l-2023, l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jagħti l-ġranet li tinfetaħ din il-klinika u kemm appuntamenti jsiru f'kull sessjoni?

04/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed tingħata fit-tabella ta' hawn taħt:

Sena	Appuntamenti
2023	13,473
2024	13,331
2025	13,498
2026 (Minn Jannar sal-aħħar ta' Awwissu)	8,799

Il-Klinika tiftaħ mit-Tnejn sas-Sibt u jsiru madwar 60 appuntament kuljum.

Seduta Numru 35
10/11/2026

KNEE REPLACEMENTS

5000. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4251 u jgħid kemm saru knee replacements fl-Isptar Mater Dei, l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u sptarijiet privati mħallsin mill-Gvern, fix-xhur ta' Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2026?

04/11/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ĦAŻ-ŻEBBUĠ – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ILMA – WSC – MAPPA LIVE

5019. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid għaliex il-mappa live tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) u l-messaġġi fuq WhatsApp ma ġewx aġġornati waqt il-qtugħ fil-provvista tal-ilma f'Ħaż-Żebbuġ bejn it-30 ta' Ottubru u t-2 ta' Novembru 2026, u x'miżuri se jittieħdu biex ir-residenti jingħataw informazzjoni f'waqtha u preċiża fil-futur?

04/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5013.

Seduta Numru 35
10/11/2026

SERVIZZI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TFAL - KAŻIJIET RELATATI MAL-PROTEZZJONI TAT-TFAL - LISTA TA' STENNIJA

5020. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' każijiet relatati mal-protezzjoni tat-tfal li kienu għadhom fuq il-lista ta' stennija tas-Servizzi għall-Protezzjoni tat-Tfal sal-aħħar ta' Ottubru 2026? Jista' wkoll jipprovdi rendikont ta' kemm ilhom jistennew dawn il-każijiet, inkluż kemm ilhom aktar minn sitt xhur u aktar minn sena, u jindika x'inhu l-itwal żmien ta' stennija rreġistrat?

04/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

PROPRJETAJIET RESIDENZJALI TAL-GVERN - AKKOMODAZZJONI SOĊJALI

5021. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm proprjetajiet residenzjali tal-Gvern intiżi għall-akkomodazzjoni soċjali kienu għadhom vojta sal-aħħar ta' Ottubru 2026? Jista' wkoll jipprovdi rendikont skont il-lokalità u jindika kemm minnhom ilhom vojta għal aktar minn sitt xhur, sena u sentejn, kif ukoll kemm jinsabu lesti biex jiġu allokati immedjatament?

04/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

PAZJENTI DIJANJOSTIKATI BIL-KANĊER - STENNIJA GĦAT-TRATTAMENT ONKOLOĠIKU

5022. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew dijanjostikati pazjenti bil-kanċer li kellhom jistennew aktar minn 30, 60 jew 90 ġurnata sabiex jibdew it-trattament onkoloġiku indikat mit-tim mediku tagħhom, matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

04/11/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

DJAR RESIDENZJALI GĦALL-ANZJANI - RAPPORTI TA' ALLEGAT ABBUŻ, NEGLIĠENZA JEW TRATTAMENT MHUX XIERAQ TA' ANZJANI

5023. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva jgħid kemm ġew irreġistrati rapporti ta' allegat abbuż, negliġenza jew trattament mhux xieraq ta' anzjani fi djar residenzjali, kemm pubbliċi kif ukoll privati, matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jindika kemm minn dawn il-każijiet ġew ikkonfermati wara investigazzjoni u x'passi ttieħdu fil-konfront ta' dawk responsabbli?

04/11/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - REKLAMAR U XIRI TA' ĦIN TA' XANDIR

5024. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm intefqu flus pubbliċi mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu fuq reklamar u xiri ta' ħin ta' xandir fuq l-istazzjonijiet li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jindika fuq liema kriterji ttieħdu d-deċiżjonijiet dwar it-tqassim ta' dawn il-fondi?

04/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant, illi kif weġibt f'istanzi oħrajn, l-Gvern u l-entitajiet tiegħu, għandhom ir-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Wieħed mill-mezzi li jintużaw għal dan il-għan huwa x-xandir tradizzjonali, jiġifieri t-televiżjoni u r-radju. Ninsab infurmat li, f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-istazzjonijiet lokali kollha tat-televiżjoni u tar-radju, jiġu avviċinati sabiex ixandru messaġġi ta' informazzjoni pubblika.
Għaldaqstant, ma jkunx hemm għażla preferenzjali għall-kumpaniji li qed tagħmel referenza għalihom separatament, stante li ikun hemm opportunità mogħtija lill-mezzi tax-xandir kollha biex jipparteċipaw f'dawn l-inizjattivi. Ninsab infurmat ukoll li jkun fid-diskrezzjoni ta' kull stazzjon jekk jaċċettax li jxandar ir-reklami jew le.

Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li n-nefqa relatata ma' dawn is-servizzi hija suġġetta għall-proċeduri u r-regolamenti applikabbli tal-akkwist pubbliku, u li fl-Estimi Finanzjarji hemm vot speċifiku għall-informazzjoni, kif diġà ġie spjegat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3526.
Sadanittant, fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 35
10/11/2026

PAĠNI PERSONALI TAL-MIDJA SOĊJALI TAL-MINISTRI U S-SEGRETARJI PARLAMENTARI - PRODUZZJONI TA' FILMATI, RITRATTI, KONTENUT PROMOZZJONALI U REKLAMAR

5025. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid intefqux fondi pubbliċi fuq il-produzzjoni ta' filmati, ritratti, kontenut promozzjonali u reklamar imħallas għall-paġni personali tal-midja soċjali tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jagħti rendikont tal-ammonti skont kull Ministru u Segretarju Parlamentari, u jindika jekk saritx verifika sabiex jiġi assigurat li dawn il-fondi ma ntużawx għal skopijiet partiġġjani?

04/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Manwal ta' Proċeduri tal-Kabinett jipprekludi lill-ministri u s-segretarji parlamentari milli jużaw fondi jew riżorsi pubbliċi, direttament jew indirettament, għall-paġni tal-midja soċjali tagħhom.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ORDNI DWAR KLASSIJIET TA' UŻU FL-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP

5030. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jispjega r-raġunijiet għall-A.L. 301 tal-2026 - Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar tal-Iżvilupp, li jemenda t-tifsira ta' "kura" fl-Ordni dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar tal-Iżvilupp (L.S. 552.15)? Jista' jgħid ukoll liema entità jew entitajiet talbu din il-bidla?

04/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ORDNI DWAR KLASSIJIET TA' UŻU FL-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP

5031. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk, għall-finijiet tal-Klassi 1(b), huwiex meħtieġ li mill-inqas persuna waħda li tagħti l-kura tkun tirrisjedi fil-post, jew jekk il-kura mogħtija biss minn ħaddiema li ma jirrisjedux fil-post u li jaħdmu fuq xiftijiet hijiex biżżejjed?

04/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MALTA U GĦAWDEX – TFAL F'KURA RESIDENZJALI

5032. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal f'kura residenzjali f'Malta u Għawdex bħalissa? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom qed jgħixu fi djar li jilqgħu sitt itfal jew inqas, u liema entitajiet imexxu dawn id-djar?

04/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

DJAR RESIDENZJALI ĠODDA GĦAT-TFAL - PJAN

5033. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ippjanati djar residenzjali ġodda għat-tfal fit-tliet snin li ġejjin, f'liema lokalitajiet u minn liema entitajiet?

04/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

DJAR GĦALL-KURA RESIDENZJALI – LIĊENZJAR

5034. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid hemmx rekwiżiti ta' liċenzjar għal djar li jilqgħu sitt itfal jew inqas f'kura residenzjali?

04/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

HIP REPLACEMENTS

5062. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4252 u jgħid kemm saru hip replacements fl-Isptar Mater Dei, l-Isptar Ġenerali t'Għawdex u sptarijiet privati mħallsin mill-Gvern, fix-xhur ta' Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2026?

05/11/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

NGOS – UŻU TAL-FONDI PUBBLIĊI

5071. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 3748 u 3749, fejn intqal li "l-informazzjoni kif mitluba ma tkunx tista' tingħabar minħabba n-natura sensittiva tagħha", jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-informazzjoni segwenti dwar l-NGOs u l-użu tal-fondi pubbliċi (mingħajr ismijiet, data personali jew dettalji li jistgħu jidentifikaw lill-individwi li jibbenefikaw mis-servizzi), separatament għas-snin 2024 u 2025:
i. l-isem ta' kull NGO li rċeviet finanzjament mill-Ministeru sabiex tipprovdi servizzi;
ii. il-kategorija ġenerali tas-servizzi ffinanzjati; u
iii. l-ammont totali effettivament imħallas lil kull organizzazzjoni f'kull sena?
Jekk xi parti minn din l-informazzjoni ma tkunx tista' tingħata minħabba kunfidenzjalità, jista' l-Ministru jipprovdi l-bqija tal-informazzjoni u jindika, għal kull parti miżmuma lura, il-bażi legali jew kuntrattwali speċifika u r-raġuni li tipprekludi l-pubblikazzjoni tagħha?

05/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 35
10/11/2026

BAĠIT 2027 – BILLBOARDS TEMPORANJI

5159. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm tqiegħdu billboards temporanji sabiex jirreklamaw il-Baġit 2027, bħal dak li ttella' fi Triq Valletta, Raħal Ġdid? Jista' jgħid ukoll fejn twaħħlu dawn il-billboards?

05/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5161.

Seduta Numru 35
10/11/2026

BAĠIT 2027 – BILLBOARDS TEMPORANJI

5160. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm tqiegħdu billboards temporanji sabiex jirreklamaw il-Baġit 2027, bħal dak li ttella' fi Triq Valletta, Raħal Ġdid? Jista' jgħid ukoll fejn twaħħlu dawn il-billboards?

05/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

BAĠIT 2027 – BILLBOARDS TEMPORANJI – PERMESSI

5161. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-billboards temporanji li ttellgħu sabiex jirreklamaw il-Baġit 2027, bħal dak li ttella' fi Triq Valletta, Raħal Ġdid, għandhomx permess mill-Awtorità tal-Ippjanar skont il-liġi? Jekk iva, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn il-permessi?

05/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab infurmat li fil-post indikat mill-Onor. Interpellant m'għadx hemm tali billboard. Dan l-billboard kien għal perjodu temporanju u li kellu l-permess kif meħtieġ u li dan kien kompitu tal-fornitur.

Seduta Numru 35
10/11/2026

BAĠIT 2027 – BILLBOARDS TEMPORANJI – PERMESSI

5162. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-billboards temporanji li ttellgħu sabiex jirreklamaw il-Baġit 2027, bħal dak li ttella' fi Triq Valletta, Raħal Ġdid, għandhomx permess mill-Awtorità tal-Ippjanar skont il-liġi? Jekk iva, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn il-permessi?

05/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MALTA U GĦAWDEX – KREMAZZJONI – STUDJI

5163. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern jew l-Awtorità tal-Ippjanar ikkummissjonawx jew irċevewx studji dwar id-domanda prevista għas-servizzi ta' kremazzjoni f'Malta u Għawdex? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra u jgħid jekk dawn ġewx ikkunsidrati fil-proċessi ta' ppjanar relatati mal-faċilitajiet proposti? Jista' jgħid ukoll jekk saritx evalwazzjoni tal-impatt ambjentali kumulattiv tal-faċilitajiet proposti?

05/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kull applikazzjoni għall-iżvilupp tiġi pproċessata u determinata mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq il-mertu tagħha u skont il-liġijiet, il-policies u l-proċeduri applikabbli. Kwalunkwe deċiżjoni tittieħed wara li jiġu kkunsidrati l-fatti, iċ-ċirkostanzi u d-dokumentazzjoni rilevanti ta' kull applikazzjoni.

Seduta Numru 35
10/11/2026

PBS – BORD EDITORJALI – MEMBRI

5164. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-membri tal-Bord Editorjali tal-PBS humiex obbligati jiddikjaraw xogħol, kuntratti jew interessi oħra ma' stazzjonijiet televiżivi jew organizzazzjonijiet politiċi? Jekk iva, jista' jgħid jekk il-membri attwali għamlux dawn id-dikjarazzjonijiet u jekk saritx evalwazzjoni dwar kunflitti ta' interess potenzjali?

05/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Kif weġibt lill-Onor. Interpellant f'istanzi oħra, il-Gvern ma jaqbilx mal-istrateġija li qed taddotta l-Oppożizzjoni fil-konfront ta' professjonisti serji i qed jaqdu dmirhom. Inżid illi il-Bord Editorjali tal-PBS iwettaq il-ħidma u l-funzjonijiet tiegħu f'konformità mal-politiki u l-linji gwida applikabbli għall-istazzjon nazzjonali u l-PBS għandu l-mekkaniżmi interni tiegħu sabiex jiżgura li l-operat editorjali jitmexxa b'mod responsabbli u trasparenti.

Seduta Numru 35
10/11/2026

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – AĊĊESS GĦAL STUDENTI TAL-JUNIOR COLLEGE

5166. L-ONOR. MARIAH MELI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk studenti tal-Junior College għandhomx aċċess għall-Campus, il-librerija u l-canteen tal-Università ta' Malta?

06/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li l-istudenti tal-Junior College għandhom aċċess għall-Campus tal-Università ta' Malta, kif ukoll għandhom aċċess għar-riżorsi, is-servizzi u l-faċilitajiet kollha offruti mil-Librerija tal-Università ta' Malta kif ukoll il-Canteen.
Madankollu, l-aċċess għal uħud miż-żoni jew faċilitajiet speċifiċi tal-Università huwa ristrett għal persuni li għandhom bżonn dirett minħabba l-istudji, it-tagħlim jew attivitajiet oħra tagħhom.

Seduta Numru 35
10/11/2026

STUDENTI TAS-SIXTH FORM – STIPENDJU MĦALLAS

5167. L-ONOR. MARIAH MELI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien jitħallas stipendju student tas-Sixth Form fl-2013, u kemm se jkun qed jitħallas student li jattendi s-Sixth Form fl-2027?

06/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istudenti li kienu jattendu is-Sixth Form fl-2013 kienu jirċievu stipendju ta' €83.86 kull erba` ġimgħat.
Sussegwenti taż-żidiet li ngħataw matul is-snin bejn 2014 u l-2026, kif ukoll permezz tal-aġġustament taż-żieda tal-għoli tal-ħajja għall-istudenti għall-2027 li se tkun ta €3.60 kull erba` ġimgħat, fl-2027 l-istudenti li jattendu is-Sixth Form se jkunu qed jirċievu stipendju ta' €139.53 kull erba` ġimgħat.
Ta' min issemmi li l-istudenti tas-Sixth Form jitħallsu stipendju bir-rata hekk magħrufa bħala 'ġenerali'
Ir-rati tal-istipendju ivarjaw skont il-livell u l-klassifikazzjoni tal-kors li jkunu qed isegwu l-istudenti.
It-tabella t'hawn taħt turi ż-żidiet li ngħataw fl-istipendju bejn l-2013 u 2027 hekk kif ġej:

Sena	Rata Ġenerali	Rata Preskritta	Rata ta' Prijorità Għolja
2013	€83.86	€146.77	N/A
2014	€85.45	€149.54	N/A
2015	€86.05	€150.59	N/A
2016	€86.85	€151.99	N/A
2017	€87.64	€153.37	€307.68
2018	€88.44	€154.77	€310.48
2019	€89.40	€156.44	€313.83
2020	€90.93	€159.12	€319.20
2021	€91.75	€160.55	€322.07
2022	€101.89	€178.30	€357.68
2023	€106.91	€187.09	€375.31
2024	€113.35	€193.53	€381.75
2025	€115.88	€196.06	€384.28
2026	€135.93	€228.14	€444.59
2027	**€139.53**	**€231.74**	**€448.19**

Seduta Numru 35
10/11/2026

QRATI MALTIN – ĠURIJIET – 2024-2026

5168. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm instemgħu ġurijiet fil-Qrati Maltin fl-2024, fl-2025 u fl-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

06/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

PERSUNI LI QED JISTENNEW LI JGĦADDU ĠURI

5169. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet ta' persuni li preżentement qed jistennew li jgħaddu ġuri?

06/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 35
10/11/2026

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

PERSUNI B'DIŻABILITÀ – DĦUL MHUX INTAXXAT

W785. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu, preżentement, id-dħul mhux intaxxat għal persuni b'diżabilità li joqogħdu fi djar privati għall-persuni b'diżabilità?

30/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 35
10/11/2026

ĊENTRI TA' RESPITE

W812. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid liema ċentri ta' respite jeżistu f'Malta u Għawdex?

30/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, bħalissa, is-servizzi ta' respite għal persuni b'diżabilità, li huma pprovduti permezz ta' Public Social Partnership (PSP) jew kuntratt, huma offruti minn:
· Fondazzjoni Arka, permezz ta' Dar Arka f'Għawdex;
· Dar il-Kaptan, fl-Imtarfa; u
· ĦILA, permezz tal-faċilitajiet tagħha f'Malta.
Barra minn hekk, din is-sena se jibdew jilqgħu persuni b'diżabilità ċentri oħra ta' respite: wieħed f'Ħal Kirkop u ieħor f'Ħal Dingli.

Seduta Numru 35
10/11/2026